

# Brother Louis

## Bniedem ta' virtujiet kbar u ta' dedikazzjoni totali għall-qadi tal-vokazzjoni tiegħu.

Antonio twieled iż-Żurrieq fil-31 ta' Awwissu 1923. Bil-ħsieb li jsib xogħol it-Tarzna, fl-1935 beda jattendi l-Kulleġġ De La Salle, f'Bormla. Kien f'dan iż-żmien li nżergħet fih il-vokazzjoni għall-ħajja reliġjuża.

Fis-7 ta' Settembru 1938 ħalla Malta biex ikompli l-istudji u l-formazzjoni reliġjuża fi Franza. Fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija, f'Novembru 1942, fi Franza seħħet l-okkupazzjoni tar-Régime de Vichy min-Nazisti. Minkejja dan, Theodulphe Louis, kif issa kien sar jismu bħala reliġjuż, ma qatax qalbu. Hu kien determinat li jkompli bl-istudji tiegħu fl-Istitut Lasalljan, anke meta l-Gestapo marru f'St Maurice L'Exil jistaqsu dwar il-Brothers Maltin, fosthom Louis innifsu.

Minħabba dawn iċ-ċirkustanzi, huwa ħarab lejn in-Nofsinhar ta' Caluire, f'Lyons. B'karta ta' identità falza, rikeb fuq ferrovija mimlija suldati Ġermaniżi. Fortunatament, ħadd mill-passiġġieri fil-vjaġġ ma ntalab jippreżenta xi dokumentazzjoni.

Meta temm l-istudji, ġie lura Malta bil-ħsieb li jagħmel ġimagħtejn mal-familja tiegħu u qrabatu, iżda kkonvinċewh jibqa' Malta minflok imur għall-missjoni fit-Tuneżija.

Fl-1945 beda jgħallem fil-Kulleġġ De La Salle, fil-Birgu. Dan kien il-bidu ta' ħidma twila u bnina, snin ta' tagħlim, ta' edukazzjoni, ta' formazzjoni Nisranija u akkademika għal tant snin fost eluf ta' tfal u żgħażagħ Maltin u barranin fl-iskejjel immexxija mill-Frères.

L-ikbar kontribut tiegħu bħala għalliem kien fil-korsijiet tal-apprentistat tad-Dockyard. Kienu eluf l-istudenti li matul is-snin kellhom ix-xorti jkunu mgħallma u jiġu megħjuna b'kull mezz minn Brother Louis u li ħafna minnhom wara għamlu suċċess fil-karriera tagħhom.

Fl-1981 waqqaf il-Fraternità Lasalljana Signum Fidei, li għadha attiva sal-lum. Sadattant, beda jikteb it-talb u r-riflessjonijiet spiritwali tiegħu, li minnhom naraw l-identità Nisranija tiegħu.

F'Malta okkupa diversi karigi, fosthom dik ta' Provinċjal tal-Brothers. Miet fid-29 ta' Mejju 2011.

Fil-31 ta' Marzu, 2019 Mons. Arċisqof formalment waqqaf tribunal biex jisma' l-Kawża għall-Beatifikazzjoni u l-Kanonizzazzjoni ta' Brother Louis. Għalhekk nitolbu biex il-virtujiet u l-erojċità tiegħu jkunu magħrufa. Nistiednu lil dawk li kienu jafuh mill-qrib u kellhom xi esperjenza partikolari ta' Brother Louis biex javviċinawni biex jirrakkontaw lit-Tribunal dan it-tagħrif biex b'hekk il-kawża tiegħu timxi 'l




*The Fruits of the Mind – ktieb dwar Bro Louis Camilleri FSC, bl-Ingliż, miktub minn Charles Briffa. €35 qoxra ħoxna, €30 qoxra ratba.*